

31996R0426

9.3.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 60/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 426/96**tat-8 ta' Marzu 1996**

li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 2123/89 li jistabbilixxi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għal laħam tal-majjal ġewwa l-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal (¹), skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2123/89 (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1448/95 (⁴), li jistabbilixxi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għal laħam tal-majjal fil-Komunità;

Billi ġewwa Franza sar tibdil fis-swieq rappreżentattivi; billi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għal laħam tal-majjal fil-Komunità elenkata hi l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 għandha konsegwentement tiġi emendata;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Marzu 1996.

Billi l-miżuri provdu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Punt 5 ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 hu mibdul b'dan li ġej:

“5. Il-grupp ta' ċentri ta' kwotazzjoni li ġej: Rennes, Nantes, Metz, Lyon u Toulouse”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.

(²) ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.

(³) ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 23.

(⁴) ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 47.